# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2024.**

**Numru 25**

**Rikors numru 61/22/1 GM**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

1. L-attur appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-7 ta' Frar 2023 li biha ċaħdet l-ewwel erba' talbiet, u fl-istess ħin iddikjarat li jekk irid jista' jagħmel użu mir-rimedji ordinarji.

2. Il-fatti rilevanti:

i. Fit-30 ta' Novembru 2019 l-attur tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, fejn ġie imputat *inter alia* li kien kompliċi fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Dakinhar fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar ta' proprjetà fil-konfront tal-imputat. Fid-digriet li ngħata dakinhar stess, il-Qorti qalet hekk:

> *"Il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni, u qiegħda tissekwestra f'idejn terzi b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta mobbli kollha li jkunu dovuti lilu jew ikunu jmissu lill-imputat jew ikunu proprjeta tiegħu. Inoltre, l-Qorti qed tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xorta oħra jiddisponi minn xi proprjeta mobbli jew immobbli u dan ai termini tal-artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *........*
>
> *Il-Qorti tordna li l-imputat jista' jibqa' jirċievi s-salarju tiegħu fl-ammont li ma jeċċedix l-€13,976".*

ii. L-ordni għadu fis-seħħ.

iii. Fit-18 ta' Ġunju 2020 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ħassret l-ordni ta' ffriżar fuq xi ġid li l-attur kien wiret mingħand missieru.

iv. Fit-18 ta' Awwissu 2021 l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att ta' akkuża (numru 17/2021) li bih akkuża lil Fenech b'kompliċità fl-omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia billi ta ordni lil ħaddieħor biex iwettaq id-delitt, kif ukoll li assoċja ruħu ma' persuni oħra sabiex jagħmel delitt f'Malta.

v. Fit-22 ta' Diċembru 2021 l-attur ippreżenta rikors fil-Qorti Kriminali u talab ir-revoka tal-ordni tal-iffriżar. Hu argumenta li m'hemm l-ebda kap ta' akkuża kontrieh li jipprospetta reat li minnu seta' ħa vantaġġ ekonomiku, u wisq inqas il-prosekuzzjoni m'għamlet referenza għal rikavat minn xi attività kriminali li seta' wettaq l-attur.

vi. B'digriet mogħti fit-3 ta' Jannar 2022 il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba, *"Billi l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi l-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar kull darba li persuna tiġi mixlija b'reat rilevanti u billi l-akkużat huwa ċertament mixli b'reat ta' natura volontarja li jeċċedi s-sena priġunerija, bil-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tiddeċiedi a priori dak allegat mill-akkużat fir-rikors tiegħu, tiċħad it-talba".*

3. Kien għalhekk fl-1 ta' Frar 2022 l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti sabiex:

> *"i.Tiddikjara li l-Artikolu 23A Kapitolu 9 jew l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrux rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni effettwati biex jitolbu l-Qorti ta' setgħa ordinarja tirrevoka Ordni magħmula taħt dawn l-Artikoli;*
>
> *ii.Tiddikjara li konsegwentament l-esponent sofra leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal- Liġijiet ta' Malta;*
>
> *iii.Tiddikjara li l-esponent sofra leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319*

*tal- Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-Ordni ta' Iffriżar ma qiegħda sservi ebda għan leġittimu ħlief li tinfliġġi fuqu preġudizzju irrimedjabbli u sproporzjonat;*

*iv.Tannulla, tirrevoka jew tħassar l-Ordni ta' Iffriżar imposta mill-Qorti tal- Maġistrati bħala Qorti Istruttorja nhar it-30 ta' Novembru, 2019;*

*v.Tieħu dawk il-provvedimenti u takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal- esponent".*

4. L-Avukat tal-Istat wieġeb u oppona t-talbiet tal-attur, fejn *inter alia* argumenta li:

i. Jekk bl-omiċidju ta' Caruana Galizia r-rikorrent għamel xi forma ta' gwadann, allura dak hu meqjus bħala qligħ.

ii. Il-liġi ordinarja tikkontempla l-possibbiltà lill-akkużat li jitlob li ssir varjazzjoni tad-digriet.

5. B'sentenza tas-7 ta' Frar 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

*"(1) Tiċħad l-ewwel erba' talbiet tar-rikorrent ħlief għal dak li sejjer jingħad fit-tieni kap.*

*(2) Tidderiġi lir-rikorrent biex jekk irid juża r-rimedju ordinarju fuq imsemmi, biex ikunu jistgħu jiġu sodisfatti l-kriterji ta' proporzonalita'.*

*Jibqa' bla mittiefes kwalunkwe dritt tar-rikorrent biex jerġa' jirrikorri għal din il-Qorti kemm-il darba d-dritt tiegħu għal proporzonalita' ma jiġix sodisfatt".*

6. L-Ewwel Qorti rraġunat li:

*"Ikkunsidrat:*

*Ir-rikorrent qiegħed jitlob li din il-Qorti tiddikjara:*

*(1) Li l-Art. 23A tal-Kap 9 jew l-Art 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru d-dritt għal smigħ xieraq billi ma joffrux rimedju ordinarju biex jintalab it-tħassir ta' Ordni tal-Iffriżar u*

*(2) Li hemm ksur tad-dritt tat-tgawdija tal-possedimenti billi l-Ordni tal-Iffriżar m'hi qiegħdha sservi ebda għan leġittimu ħlief li tinfliġġi fuqu preġudizzju irrimedjabbli u sproporzjonat.*

*L-Avukat tal-Istat, fost difiżi oħrajn jeċepixxi li din il-Qorti m'għandhiex tuża' s-setgħat tagħha li tara jekk hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali għaliex hemm rimedji ordinarji li r-rikorrent naqas li juża'. F'din il-kawża, għalhekk, l-allegat nuqqas ta' rimedji ordinarji mhux biss huwa kunsiderazzjoni li bħal f'kull kawża ta' din ix-xorta għandha twassal lil din il-Qorti biex tqis jekk għandhiex tuża' d-diskrezzjoni tagħha tismax il-kawża jew le, a tenur tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, imma iktar minn hekk huwa l-bażi nnifisha tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent. Għalhekk diffiċli għall-Qorti li tiddeċiedi jekk għandhiex tiddeklina l-ġurisdizzjoni tagħha jew le mingħajr ma tidħol, almenu sa ċertu punt, fil-mertu nnifsu tar-rikors kostituzzjonali li għandha quddiemha.*

*Fil-qosor ħafna, l-isfond fattwali li ta lok għal din il-kawża huwa dan: Fit-30 ta' Novembru 2019 ir-rikorrent tressaq quddiem qorti struttorja mixli b'diversi reati fosthom kompliċita` fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u assoċjazzjoni ma' persuna jew persuni oħrajn biex jikkommettu delitt. Waqt din is-seduta l-prosekuzzjoni talbet il-ħruġ ta' ordni tal-iffriżar skont Art. 23A tal-Kodiċi Kriminali fuq l-assi kollha tar-rikorrent. Il-Qorti laqgħet it-talba. Dak il-ħin ma saret l-ebda oppożizzjoni mid-difiża. Lanqas saret talba skont Art. 23A(5) fil-jiem sussegwenti. Fit-18 t'Awwissu 2021 inħareġ l-att tal-akkuża li kien jikkonsisti fiż-żewġ akkużi fuq imsemmija.*

*Fuq talba tar-rikorrent, fit-18 ta' Ġunju 2020 il-qorti struttorja rrevokat l-effetti tal-ordni tal-iffriżar fuq l-assi li r-rikorrent kien wiret.*

*Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Qorti Kriminali ċaħdet talba tar-rikorrent biex l-istess ordni tiġi revokata fl-intier tagħha.*

*Ikkkunsidrat :*

*L-ewwel nett il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-ordni tal-iffriżar hix qiegħdha sservi għan* ***leġittimu****; u, jekk iva, hijiex waħda* ***sproporzjonata.***

*L-għan ta' ordni bħal din huwa li jżomm mill-imputat, mixli bil-kummissjoni ta' reat rilevanti jew reat ta' ħasil ta' flus milli tiddisponi minn dawk il-flejjes jew proprjeta` li l-provenjenza u l-użu tal-istess tista' tkun ġejja minn attivita` kriminali, u dan fl-interess tal-kollettivita`.*

*Huwa għalhekk deterrent qawwi kontra l-kriminalita`. Bla dubju l-għan huwa wieħed* ***leġittimu****. Ir-rikavat m'hemmx għalfejn ikun ġej direttament mir-reat rilevanti, tant li jista' jkun kwalunkwe vantaġġ ekonomiku jew benefiċċju ieħor derivat direttament jew indirettament minnu. Is-suspett kostanti fl-investigazzjoni tal-qtil ta' Caruana Galizia hu li l-motiv kien biex tiġi eliminata qabel tikxef storja ta' korruzzjoni relatata mal-proġett tal-Electrogas li fih kien involut ir-rikorrent.*

*Imiss għalhekk jiġi stabbilit jekk ir-rimedju huwiex wieħed* ***sproporzjonat****. Ordni tal-iffriżar mhix intenzjonata bħala forma oħra ta' piena jew kastig. Hija sempliċiment miżura ta' natura kawtelatorja ekwivalenti għal mandati kawtelatorji fid-dritt ċivili. Għalhekk kemm jista' jkun trid tkun limitata għar-rikavat preżunt minn reat rilevanti, u mhux iktar minn hekk. L-iffriżar tal-assi min-natura tiegħu jġib ċertu dannu, u għalhekk id-dannu mġarrab m'għandu qatt ikun iktar estensiv minn dak li hu inevitabbli. Saħansitra wkoll dawk l-assi li jiġu ffriżati m'għandhiex issirilhom ħsara bla bżonn. Hekk per eżempju kumpanniji kummerċjali m'għandhomx jingħalqu jekk jistgħu jiġu amministrati minn terza persuna mingħajr ma jiġu sparpaljati. Il-Qorti tqis iżda li l-ordni tal-iffiriżar ma tinħariġx mill-organi eżekuttivi tal-Istat u hija soġġetta għas-sorveljanza u reviżjoni kontinwa mill-Qorti, anke jekk din ma tistax tneħħiha għal kollox wara l-istadju inizjali tal-proċess.*

*Għalkemm ma nġiebet l-ebda prova dwar l-assi tar-rikorrenti, huwa fatt magħruf f'pajjiżna li Jurgen Fenech huwa wieħed mill-iktar persuni sinjuri fil-gżira, u li għandu bosta negozji leġittimi. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, għandu jiġi kkunsidrat kemm dawk l-assi li akkwista qabel il-proġett tal-Electrogas jistgħu għandhom x'jaqsmu, direttament jew indirettament, mar-reati li qiegħed jiġi akkużat bihom, u għalhekk jekk għandhomx ikunu soġġetti għal ordni tal-iffriżar. Assi li ġew akkwistati wara għandhom jiġu kkunsidrati fuq il-merti tagħhom.*

*Stabbilita bla ebda dubju l-leġittimita` tal-iffriżar, huwa fil-kwadru tal-proporzjonalita` li l-ilment l-ieħor ta' nuqqas ta' rimedji mogħtija mil-liġi ordinarja jrid jiġi meqjus. Huwa minnu li fil-bidu ġew iffriżati l-assi kollha tar-rikorrent. B'danakollu l-Art. 23A(5) stess imsemmi mir-rikorrent jagħtih rimedju li fi żmien tlett ijiem tax-xogħol jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tagħha. Rimedju li r-rikorrent għażel li ma jużax. Jgħid li dan mhux rimedju xejn għax f'dak l-istadju aktarx ma jkunux bdew jinstemgħu l-provi. B'danakollu, l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti filli r-reati konnessi mal-omiċidju fihom infushom ma jistgħux iġibu rikavat. Argument li seta' jġibu quddiem il-Qorti Kriminali independentement mill-provi.*

*Barra minn hekk, ir-rikorrent kellu rimedju ieħor – dak li jitlob it-tnaqqis tal-beni maqbudin bl-ordni tal-iffriżar – li seta' u għadu jista' jġib quddiem il-Qorti ordinarja. Rimedju li talab u kiseb rigward il-beni ġejjin għandu minn wirt. Rimedju li m'għandux jingħata minn din il-*

> *Qorti kemm-il darba jingħata mill-Qorti Kriminali li hija l-organu ġudizzjarju ffakultizzat mil-leġislatur għal dan l-iskop u li hija f'qagħda aħjar minn din il-Qorti li tistabbilixxi liema proprjeta` setgħet tikkonsisti f'rikavat fis-sens tal-liġi u liema le".*

7. B'rikors preżentat fis-27 ta' Frar 2023 l-attur appella mis-sentenza, filwaqt li l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-13 ta' Marzu 2023. Fir-rikors tal-appell l-attur talab:

> *"Ghaldaqstant l-appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti processwali kollha, jirriserva li jressaq dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi u jaghmel wkoll dawk is-sottomissjonijiet kollha permessi mill-Ligi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*
>
> *i. Tannulla s-sentenza appellata u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tipprocedi skond il-Ligi; jew alternattivament*
>
> ii. *thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), fis-7 ta' Frar, 2023, u tilqa' t-talbiet kif dedotti minnu fir-rikors promotur, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimat appellat".*

<u>Konsiderazzjoni</u>.

*<u>L-ewwel aggravju</u>*.

8. Fl-ewwel aggravju l-attur argumenta li s-sentenza appellata hi nulla għaliex *".... l-parti dispożittiva hija evidentement kontradittorja u bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta"*. L-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-attur għandu rimedji ordinarji. Għaldaqstant, ma kellhiex tiċħad it-talbiet tal-attur fil-meritu. Bil-mod kif il-Qorti ddeċidiet il-kawża, ippreġudikat il-possibbilità li jirrikorri għal rimedju apparti li hemm kunflitt fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

9. Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-attur għaliex mill-motivazzjoni tas-sentenza hu evidenti li l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-meritu, dan irrispettivament taqbilx jew le ma' dak ir-raġunament. Fil-fatt għamlet konsiderazzjonijiet dwar jekk l-ordni tal-iffriżar kienx leġittimu, kif ukoll jekk l-attur kellux rimedju biex jitlob ir-revoka tiegħu. Dan ovvjament b'referenza għall-ewwel talba tar-rikors promotur ġialadarba l-attur ilmenta li l-liġi ma toffrix rimedju ta' natura ordinarja biex tintalab ir-revoka tal-ordni tal-iffriżar.

10. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza m'hemm l-ebda kunflitt. Filwaqt li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel erba' talbiet in kwantu l-attur qiegħed jattakka l-Artikoli 23A tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u l-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373), fit-tieni paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza kienet qiegħda tirreferi għad-deċiżjoni li tingħata mill-Qorti Kriminali f'każ li l-attur jagħżel li jagħmel talba oħra għall-varjazzjoni tal-ordni.

11. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

*<u>It-tieni aggravju</u>*.

12. B'referenza għat-tieni aggravju l-attur isostni li s-sentenza hi nulla għaliex fiha nuqqas assolut ta' motivazzjoni rigward it-tielet talba li titratta

dwar l-allegat nuqqas ta' għan leġittimu għall-ordni tal-iffriżar, li skontu qiegħda biss isservi sabiex toħloq preġudizzju lill-attur. Għalhekk talab li s-sentenza titħassar u l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiġi motivata skont il-liġi.

13. Ir-referenza għall-għan leġittimu saret ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet meta l-attur għamel l-argumenti tiegħu b'referenza għall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

14. Bil-ħruġ tal-ordni tal-iffriżar beda jseħħ kontroll fuq l-użu tal-proprjetà tal-attur.

15. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-għan wara l-ordni kien wieħed leġittimu, in kwantu intenzjonat sabiex iżomm lill-attur akkużat b'reat rilevanti li jeċċedi sena priġunerija, milli jagħmel użu minn flus jew proprjetà li l-provenjenza tagħha tkun ġejja minn attività kriminali jew milli jieħu benefiċċju ieħor li jitnissel direttament jew indirettament minn dik l-attività. Ordni intiża bħala deterrent kontra l-kriminalità, u għalhekk *"Bla dubju l-għan huwa wieħed leġittimu"*.

16. Għalhekk fis-sentenza hemm ir-raġuni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-għan wara l-ordni ta' ffriżar, li għadu fis-seħħ, hu

wieħed leġittimu. B'hekk l-aggravju tal-attur li dik il-parti tas-sentenza mhijiex motivata, hu mingħajr bażi.

*It-tielet aggravju*.

17. F'dan l-aggravju l-attur għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar jekk l-ordni tal-iffriżar huwiex leġittimu. Isostni li l-prosekuzzjoni ma identifikat l-ebda forma ta' benefiċċju, vantaġġ ekonomiku, flejjes jew proprjetà riċevuti mill-attur b'riżultat tal-attività kriminali li dwarha l-attur ġie akkużat. Inoltre, l-att ta' akkuża li nħareġ kontrieh ma jġorr l-ebda konsegwenza li tikkonsisti f'piena pekunjarja jew inferenza ta' qligħ, dirett jew indirett mill-omiċidju. F'dan ir-rigward għamel referenza għal dak li xehed is-Supretendent Keith Arnaud waqt is-seduta tas-26 ta' April 2022 li ma kienx ġie identifikat il-motiv għalfejn inqatlet Daphne Caruana Galizia. Oġġezzjona wkoll għall-fatt li l-Ewwel Qorti semmiet li hemm suspett li wara l-qtil ta' Caruana Galizia kien hemm storja dwar korruzzjoni fil-proġett tal-Electrogas li kienet ser tippubblika, u li dwar dan ma tressqet l-ebda prova.

18. L-ordni tal-iffriżar fil-kuntest ta' proċeduri kriminali kien bażat fuq Art. 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali. L-għan warajha hu sabiex tiggarantixxi l-konfiska ta' rikavat minn attività kriminali fl-eventwalitá li l-attur jinstab ħati tal-akkużi. Għalhekk il-kontroll fl-użu tal-proprjetà kien kontemplat fil-liġi

u jservi interess ġenerali leġittimu fit-termini tal-Art. 1 tal-Protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni.

19. Irid ukoll ikun hemm bilanċ xieraq bejn l-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtiġijiet tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna. Sal-lum m'hemmx prova li mill-attività kriminali li biha l-attur ġie akkużat għamel xi qligħ finanzjarju, u fl-att tal-akkuża lanqas ma ssemma xi fatt f'dak is-sens. Peró s'issa l-każ għadu *sub judice*. L-ordni ta' ffriżar qiegħed iservi bħala garanzija għall-eventwali konfiska ta' rikavat mir-reati li bihom l-attur hu akkużat, f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

20. Wieħed irid japprezza wkoll li l-attur hu akkużat bil-kompliċitá fil-qtil ta' ġurnalista kif ukoll li assoċja ruħu ma' terzi bil-għan li jsir id-delitt. Fl-att tal-akkuża jissemma wkoll fil-parti tal-fatti,[1] li ħallas is-somma ta' €150,000 bħala pagament biex tinqatel Caruana Galizia. Omiċidju li heżżez pajjiż u l-każ ingħata u għadu jingħata prominenza barra minn Malta. Għalkemm il-prosekuzzjoni għadha, iktar minn sitt snin wara l-omiċidju, ma identifikatx motiv wara l-qtil ta' Caruana Galizia u jista' jkun hemm biss suspetti dwar x'seta' kien (ara depożizzjoni tas-Supretendent Arnaud fis-seduta tas-26 ta' April 2022),[2] b'daqshekk ma jfissirx li l-ordni ta' ffriżar m'għadux iktar leġittimu jew li hemm sproporzjon bejn l-interess

[1] Fol. 37.
[2] Ix-xhud qal, *"..... s'issa bħala motiv ċar partikolari s'issa ma nistgħux ngħidu għal dan il-motiv u mhux l-ieħor. Li qed ngħidu imma li kellna u għandna prova biex ressaqna lis-sur Fenech bħala l-persuna li tqabbad biex tinqatel is-sinjura Caruana Galizia. Dak li għidt"*.

ġenerali u l-jeddijiet tal-attur. Il-fatt li s'issa għadu ma ġiex identifikat motiv preċiż wara l-qtil ta' Caruana Galizia li juri rikavat mir-reat, ma jfissirx li wara l-omiċidju ma kienx hemm għan finanzjarju. F'dan ir-rigward wieħed irid jiftakar ukoll li l-attur hu negozjant prominenti f'Malta, u kien involut *inter alia* fit-tmexxija ta' grupp prinċipali f'Malta tal-familja tiegħu, kif ukoll kien direttur fil-kumpanija Electrogas Malta Limited reġistrata fit-12 ta' Ġunju 2013[3] u jidher li b'kumpanija oħra kellu interessi fl-istess. Il-ġurnalista Caruana Galizia kienet qiegħda tinvestiga l-għoti tal-kuntratt għall-*power station* lil Electrogas Malta Limited u kitbet ukoll dwarha (ara wkoll depożizzjoni ta' binha Matthew Caruana Galizia li ngħatat fil-proċeduri kriminali fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2021).[4] Fatti li qegħdin fid-dominju pubbliku u li huma rilevanti għat-teħid tad-deċiżjoni finali.

21. Dan iktar u iktar meta l-liġi diġá tipprovdi proċedura sabiex l-attur jitlob lill-Qorti biex tvarja l-ordni ta' l-iffriżar. Fil-fehma ta' din il-Qorti id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti li *"f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni"* (Art. 5(3) tal-Kap. 373), hi wiesa' biżżejjed biex tintlaħaq dik il-proporzjonalitá li hemm bżonn bejn l-interess ġenerali u l-jedd tal-attur, u dan iktar u iktar meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza <u>George Tabone v. L-Avukat Ġenerali</u> tal-5

[3] Mid-dokumenti li hemm fl-atti jirriżulta li l-kumpannija kien jisimha Malta Power and Gas Limited u b'effett mid-9 ta' Lulju 2014 saret Electrogas Malta Limited.
[4] Fol. 471.

ta' Ottubru 2018 li fiha din il-Qorti qalet hekk dwar ir-rimedju taħt l-Art. 5(1) tal-Kap. 373:

> *"16.Din id-disposizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarabx ħsara u tbatija safejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru.*
>
> *...........*
>
> *....... l-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjetà kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjonata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra l-ħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza".*

22. Hu veru wkoll li l-proċeduri kriminali kontra l-attur ilhom issa pendenti ftit iktar minn erba' snin, peró mill-provi li tressqu f'din il-kawża l-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li tasal għal xi konklużjoni li l-kawża ta' dan hi minħabba dilungar bla bżonn min-naħa tal-prosekuzzjoni jew nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

23. Fir-rikors tal-appell l-attur ilmenta *inter alia* li qiegħed isibha diffiċli biex jinnegozja u jkollu dħul u wkoll qiegħed fl-impossibbilità li jonora l-obbligi finanzjarji. Dwar dan ma tressqu l-ebda provi u l-attur lanqas ta spjegazzjoni x'qiegħed iwaqqfu milli jitlob varjazzjoni għall-ordni ta' ffriżar. Inoltre, dwar l-obbligi finanzjarji li semma l-attur, l-Art. 5(1) tal-Kap. 373 jipprovdi wkoll li l-Qorti tista':

> *"(a)tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lill-kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

> *(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli".*

Dispożizzjoni li tkompli toħloq bilanċ bejn l-interessi differenti. L-attur semma wkoll li l-kontijiet bankarji tiegħu huma kollha ffriżati. M'hemm l-ebda prova dwar kontijiet bankarji f'isem l-attur u x'bilanċ fihom. L-attur ma ressaqx provi dwar il-ġid personali tiegħu li ntlaqat bl-ordni kontestata.

24. Għaldaqstant, tiċħad it-tielet aggravju.

*Ir-raba' aggravju*.

25. F'dan l-aggravju l-attur jilmenta dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-attur kellu rimedju li m'għamilx użu minnu (Art. 23A(5) tal-Kap.373), kif ukoll seta' jitlob it-tnaqqis tal-beni maqbuda bl-ordni tal-iffriżar.

26. L-attur jilmenta li:

i. Ukoll jekk għall-grazzja tal-argument irriżulta li l-attur ma eżawriex ir-rimedji ordinarji, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tipprovdi li l-fatt li wieħed ma jitlobx ir-revoka tal-ordni ma għandux ifisser li l-Qorti ma għandhiex teżerċita l-poteri tagħha.

ii. It-terminu ta' tlitt ijiem xogħol kontemplat fl-Art. 23A(5) ma joffrux rimedju effettiv. Inoltre l-Ewwel Qorti injorat il-fatt li qabel fetaħ il-kawża l-attur talab lill-Qorti Kriminali sabiex tħassar l-ordni.

iii. Fis-sentenza Sebastian Dalli v. Avukat tal-Istat, il-Qorti Kostituzzjonali semmiet in-nuqqas ta' rimedju sabiex titħassar ordni ta' ffriżar.

iv. Għalkemm l-attur jista' jitlob għall-varjazzjoni ta' ordni ta' ffriżar, dan qiegħed iċaħħad lill-attur milli jkollu relazzjoni bankarja bażika kif ukoll biex jinnegozja. Inoltre sab ruħu fl-impossibbilità li jwettaq l-obbligi finanzjarji tiegħu.

27. Mill-Att dwar il-*Money Laundering* (Kap. 373) jirriżulta li:

i. Skont l-Art. 23A tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun akkużata b'reat rilevanti, japplika l-Art. 5 tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373). Reat rilevanti, *"...... tfisser kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, ligħalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena"*.

ii. L-Art. 5 jagħmilha ċara li ordni bħal dik għandha tinħareġ fuq talba tal-prosekuzzjoni. Ordni ta' ffriżar li tkun tolqot il-ġid kollu tal-akkużat, bl-eċċezzjoni ta' €13,976.24 fis-sena.

iii. L-ordni tal-iffriżar tibqa' fis-seħħ għat-tul tal-proċeduri u f'każ ta' sejbien ta' ħtija sakemm is-sentenza tiġi eżegwita (Art. 5(2)(b) tal-Kap. 373), sakemm ma titħassarx mill-Qorti Kriminali.

iv. Skont Art. 5(9) tal-Kap. 373 u l-Art. 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali, l-akkużat jista' fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn ħruġ tal-ordni, jitlob lill-Qorti Kriminali tordna r-revoka ta' dik l-ordni. Wara dak iż-żmien, m'hemmx dispożizzjoni oħra li tagħti lill-akkużat l-opportunitá li jitlob għar-revoka ta' dik l-ordni. Li jista' jitlob hi l-varjazzjoni tal-ordni minħabba tibdil partikolari fiċ-ċirkostanzi, u f'dak il-każ dak li jiddisponu sub-inċiż (1) u (2) tal-Art. 5 jibqa' fis-seħħ għall-ordni kif mibdula.

28. Rajna kif l-attur talab għal varjazzjoni tal-ordni, u dan b'referenza għall-ġid li kien wiret mingħand missieru. Talba li l-Qorti laqgħet. Peró meta mbagħad talab għar-revoka tal-ordni tal-iffriżar, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba. Fid-digriet tat-3 ta' Jannar 2022 il-Qorti Kriminali għamlitha ċara li bil-liġi ordni ta' ffriżar kellha tinħareġ għaliex l-attur kien mixli b'reat ta' natura volontarja ta' iktar minn sena priġunerija, u l-Qorti ma tistax tiddeċiedi *a priori* dak li kien qiegħed jallega fir-rikors. L-Avukat

tal-Istat stess fin-nota ta' sottomissjonijiet ikkonferma li l-Art. 23A tal-Kodiċi Kriminali ma jipprovdix, *"27 ..... għall-possibilita' li persuna titlob ir-revoka ta' ordni ta' iffriżar waqt li tkun għaddejja proċeduri kriminali"*.

29. Il-provi juru li l-attur tressaq b'arrest fit-30 ta' Novembru 2019 u dakinhar inħarġet ordni ta' ffriżar. L-attur ma talabx għar-revoka tal-ordni ta' ffriżar fiż-żmien li jikkontempla l-Art. 5(6) tal-Kap. 373. M'hemmx dubju li terminu ta' tlitt ijiem xogħol mill-ħruġ tal-ordni hu qasir, meta tikkunsidra li sa dakinhar ftit li xejn ikunu tressqu provi dwar ir-reati addebitati lill-imputat. Min-naħa l-oħra ma kien hemm xejn x'iżomm lill-attur milli jagħmel it-talba, għalkemm hemm dubju serju kemm f'dak l-istadju hekk bikri tal-proċeduri kienet ser tintlaqa' talba bħal dik.

30. Fir-rikors promotur l-ilment li l-liġi ordinarja ma toffrix rimedju lill-akkużat biex jitlob għar-revoka tal-ordni, hu marbut mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni (ara l-ewwel u t-tieni talba tar-rikors promotur).

31. L-ordni tal-iffriżar inħarġet kontra l-attur meta kien hemm diġá l-proċeduri kriminali kontrieh. Peró dan ma jibdel xejn min-natura ta' dik l-ordni, li hi biss miżura kawtelatorja u mhux xi dikjarazzjoni ta' ħtija tal-attur. Il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-attur ma ġietx imxellfa bil-ħruġ ta' dik l-ordni u bil-fatt li għadha fis-seħħ.

32. Ir-referenza li għamel l-attur għas-sentenza tal-QEDB fil-każ ta' Shorazova v. Malta tat-3 ta' Marzu 2022, ma tgħinux. L-ilment relatat mal-Art. 6 tal-Konvenzjoni li eventwalment l-QEDB ma kkunsidratx, kien differenti minn dak tal-każ in eżami. L-attur għamel ukoll referenza għas-sentenza Sebastian Dalli v. Avukat tal-Istat. Li ma semmiex l-attur hu li l-ordni tal-iffriżar f'dak il-każ kienet inħarġet snin qabel l-introduzzjoni tal-Art. 5 fl-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u ċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ kienu differenti minn dak in eżami.

33. Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad ukoll ir-raba' aggravju.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da